# 139. Il-Qanpiena

Il-qanpiena tassew il-leħen t'Alla,
tistieden 'il-qlub biss lejn is-smewwiet;
ilsienha ma jgħidx kliem ħażin jew fieragħ,
sew jekk idoqq il-ferħ kemm jekk l-imwiet.

U min idoqqha għandu jkun wisq għaqli,
biex ma jdejjaqx il-moħħ inkella l-qalb;
id-daqq żejjed tal-ħoss indiġestjoni
kif jagħmel meta jkun żejjed it-talb.

Doqq, ja qanpiena, doqq; sejjaħ għall-Angelus,
stieden lin-nies bil-ħlew ħa jiġu t-tempju;
waqt il-ħin tal-mistrieħ ħallina norqdu;
ta' kliem f'waqtu u meqjus kun int ix-xempju.